# L-INKWADRI TAL-KAPPELLA TAL-MADONNA TAL-PROVIDENZA

Naqraw ħafna drabi fil-kotba jew fid-dokumenti ta' l-imgħoddi li xi kappelli fl-inħawi tas-Siġġiewi kienu wisq popolari mhux biss magħna s-Siġġiwin imma wkoll ma' nies minn irħula oħra. Fost l-aktar magħrufa nsibu Tal-Karmnu fil-Fawwara u oħra, Ta' San Ġorġ, fil-Fawwara wkoll iżda 'l ġewwa minnha. Naħseb li llum l-aktar kappella magħrufa fostna hi dik tal-Madonna tal-Providenza. Lejha fil-fatt jirrikorru ħafna minna kemm Siġġiwin u kemm oħrajn meta nħossu li t-toqol tal-ħajja tagħna ma nistgħux nerfgħuh weħidna. Jiġi żmien xi kultant meta ma jibqalniex aktar lejn min induru, l-ebda tabib, l-ebda avukat, insomma l-ebda bniedem ieħor tad-demm u l-laħam bħalna; u għalhekk b'qalbna mimlija tama, niftakru f'min nemmnu li għandu setgħa akbar minn ta' kull wieħed minna.

Hekk għamlu fl-imgħoddi missirijietna u hekk għadu jsir illum u aktarx li hekk jibqa' jsir sakemm il-bniedem ma jirnexxilux irażżan għal kollox u kif jaqbillu l-ħajja tiegħu — ġlied, niket, mard, u mewt, għax fil-ferħ ftit li xejn niftakru f'ħaġa oħra. Xhieda ta' kemm dejjem il-Madonna tal-Providenza ġibdet il-qima tagħna u ta' dawk li għexu qabilna huma l-inkwadri li sas-sajf li għadda kienu jżejnu l-knisja u s-sagristija tagħha. Minn daqs dawk inkwadri fadal biss dawk ta' l-għoli, li ma setgħux jintlaħqu bl-ebda mod, għax imdawwrin mal-koppla. L-oħrajn kollha nsterqu f'lejl wieħed, kemm iż-żgħar tal-wiegħdi, kemm l-oħrajn. Tiskanta meta toqgħod taħseb ftit! Xi wħud minnhom għelbu l-ħerba tat-Torok u l-qerda taż-żmien, oħrajn felħu għall-iskariġġar u t-tqandil minn knisja għal oħra, mbagħad għebu f'leħħa ta' berqa fi żmien meta t-toroq huma mdawlin bl-elettriku, fis-sajf bejn is-Sibt u l-Ħadd meta l-karrozzi jdumu telgħin minn Għar Lapsi sa nofs il-lejl jew aktar; meta għandna tant sigurtà, tant mezzi biex inxekklu s-serq u naqbdu l-ħalliel; meta m'għadx baqa' fostna nies bil-ġuħ, meta kulħadd bil-flus fil-but!

Iżda jeħtieġ wieħed iżid ukoll li qed ngħixu fi żmien meta l-biża' t'Alla naqas u reġa' qed jerfa' rasu, bil-qilla, l-paganeżmu. Ngħid "reġa'" għax sewwa sew f'dik il-kappella jinsab dokument tal-Papa Piju VII li jħeġġeġ l-insara kollha ta' dak iż-żmien biex jitolbu għall-knisja ta' Kristu ħalli jħarisha mit-theddid tal-ħażen li l-qawwiet rivoluzzjonarji Franċiżi kienu qed ixerrdu ma' l-erbgħat irjieħ ta' l-Ewropa. Niżżuħajr 'l Alla, għax għalkemm ftit hemm tama li l-patrimonju artistiku li tlifna jinstab, dad-dokument għadu hemm biex iqawwi qlub il-fidili nsara u jfakkarna f'dak li Ġesu' qal lil Pietru: "Il-qawwiet tal-ħażen ma jistgħux għalik".

Minn fost l-inkwadri li nsterqu, l-aktar li jolqotna hu n-nuqqas tat-titular, għax malli nidħlu llum għajnejna jaqgħu dritt fuq il-post għeri li qabel kien jintela' bl-inkwadru tal-Madonna mgħannqa mill-Bambin li fl-istess waqt qed jistrieħ fuq irkoppitha x-xellugija. Il-Madonna tidher bħal bil-qiegħda fuq sħaba, ħarsitha 'l isfel u idha l-leminija mgħollija, tbierek il-kampanja li bħalma nafu dak iż-żmien kienet meqjusa n-nixxiegħa ta' kull ġid għall-bniedem. Madwarha għandha żewġt anġli, wieħed iħares lejha b'għamra qamħ ġo dirgħajh u l-ieħor għajnejh lejna b'fergħa tal-qoton fi ħdanu u bil-kornukopja – għamla ta' ġewlaq bil-qarnuna mimli b'kull xorta ta' frott. Dak li l-aktar kien isaħħrek fl-inkwadru kien mhux biss is-simboliżmu ta' l-uċuħ tar-raba li semmejt, imma fuq kollox it-tiżwiq ta' l-ilwien u l-irpoż tal-figuri, l-aktar t'Om-



mna Marija. Hekk kif tħares lejha maljar tinduna kif il-pittur taha dehra ta' Sultana tas-sema u l-art bħalma naqraw fl-iskrizzjoni 'l fuq mill-gwarniċa ta' l-inkwadru: "L-Omm li taħseb f'kulħadd tgħin lis-sema u lill-bnedmin." Fl-inkwadru, infatti, ma jidher xejn aktar għajr il-profondità tas-sema wara ras il-Madonna bil-velu griż li jikkuntrasta xi ftit mad-dawl safrani li jidher fli-sfond. Il-ġnub imbagħad jerġgħu jintlew bil-lewn griż tas-sħab fil-waqt li l-kuluri aħmar skur u l-iżraq tal-libsa u l-mantell jiġbdu mill-ewwel l-attenzjoni tagħna. Il-kuluri kollha jixorbu d-dawl barra fil-figuri tal-Bambin u ż-żewġt anġli, l-aktar dak li jinsab fuq in-naħa tax-xellug tal-Madonna. Isfel nett nerġgħu nsibu kuntrast qawwi bejn ix-xefaq u l-art li bilkemm tista' tiddistingwiha, bħallikieku l-pittur ma xtaqx jagħtiha definizzjoni waħda, b'hekk il-Madonna tiddomina għal kollox l-inkwadru; iżda ta' min jinsisti li l-figuri l-oħrajn m'humiex sempliċi ornament imma żidiet meħtieġa biex jagħtu tifsira aħjar tal-kobor tal-Madonna. L-inkwatru hu (jew aħjar kien) opra tal-pittur Sqalli Velasco.

Pittura oħra ħelwa ħafna kienet tinsab fis-sagristija, xogħol ta' Nerik Arnaux li kien ħallas għaliha l-kappillan Dun Mikielanġ Mamo, Żebbuġi li mexxa s-Siġġiwin bejn l-1743 u l-1760. (Kien bit-tħabrik ta' dan il-kappillan, infatti, li l-knisja tal-Providenza nbniet mill-ġdid). L-inkawtru sar għal nofs is-seklu tmintax; fih naraw il-Madonna tal-Providenza, ukoll bil-Bambin f'idejha, bil-qiegħda fuq it-tron, b'kuxxinett taħt saqajha, bil-kuruna tas-slaten f'rasha u f'ras il-Bambin. Fil-għoli jidhru qtajja' ta' anġli u fuq quddiem, San Mikiel bis-sejf u l-miżien f'idu

*(Aqleb)*

## IL-KAPPELLA TAL-PROVIDENZA

*(Jaqbad minn paġna 14)*

'l waħda u l-oħra. F'rasu għandu elmu mdawwar minn disa' dwawar, donnhom ward, roża u ċelesti simbolu tad-disa' kori ta' l-anġli. Fuq it-tila jidhru mifruxa ħafna figuri minn kull kulur, hekk li ma baqax rokna waħda vojta: is-serp sewdieni taħt San Mikiel, l-erwieħ bilkemm jidhru fir-rokna t'isfel fuq ix-xellug ta' l-arkanġlu, u fil-għoli l-irjus ta' l-anġli min samrani u min bjond, l-Ispirtu s-Santu f'għamla ta' ħamiema bajda, u l-ħamiema l-oħra li riesqa tnaqqar minn id il-Bambin. Ma' l-ewwel daqqa t'għajn wieħed jista' forsi jieħu l-impressjoni li l-inkwatru hu mħawwad. Iżda l-pittur irnexxielu joħloq l-ispazju sewwa sew minn dan l-għadd kbir ta' figuri billi qiegħedhom fi pjanijiet differenti: fuq quddiem San Mikiel warajh il-Madonna u aktar lura l-figuri l-oħrajn, b'aktar sħab u kuluri aktar skuri. Is-smewwiet – l-ispazju infinit – hawn jidher 'il fuq minn ras il-Madonna.

Inkwatri oħrajn li tlifna, u li ftit hemm tama li qatt nerġgħu naraw, huma tal-Ħarba Lejn l-Eġittu b'San Ġużepp u l-Madonna bil-Bambin fi ħdanha jistrieħu taħt siġra kbira u warajhom, bilkemm tista' tagħrafha, ras il-ħmara tlaqqat xi ħaġa mill-art. L-inkwatru, aktarx xogħol ta' xi pittur Malti (jagħtik x'tifhem li sar hawn Malta), ma kienx ta' xi preġju artistiku kbir iżda kien qadim, naħseb ta' bein is-sittax u sbatax-il seklu. Kien hemm imbagħad l-inkwatru qadim ħafna tal-Lunzjata, li għalija kien ta' ġmiel liema bħalu għax kien jagħti ħjiel wisq realistiku tal-ġabra u l-umiltà tal-Madonna waqt it-tħabbira ta' l-Anġlu; u ħafna inkwatri oħrajn, il-biċċa l-kbira fuq l-injam, mgħotijin b'wiegħda lill-Madonna tal-Providenza għal xi grazzja maqlugħa. Dawn diġà tkellimt fuqhom f'artiklu ieħor li deher fl-istess rivista xi snin ilu.

Hu għajb kbir għalina li tlifna – mhux aħna s-Siġġiwin biss iżda Malta kollha – hekk b'daqqa u ħesrem, dan il-wirt artistiku imprezzabbli. F'Alla l-Madonna tgħinna nerġgħu nakkwistawh biex bih nerġgħu nżejnu l-artal tagħha! Missirijietna beżgħu għalih għax kienu jgħożżu l-Madonna. Tlifnih forsi għax naqset fina l-fidi tagħna lejha? Ma naħsibx. Kulħadd tkexkex meta l-Ħadd fil-għodu 29 ta' Lulju smajna bl-aħbar tas-serqa u s-Siġġiwin bi ħġarhom erħewlha lejn tal-Providenza meta ftit jiem wara ċċelebrajna l-festa tagħha. Il-knisja tagħha kienet imneżża mill-inkwatri iżda l-qima ma naqsitx; u l-ħeġġa għadha fina wkoll: mill-flus meħtieġa biex issir replika diġà nġabret somma sabiħa.

N. VASSALLO D.Litt.

# ITTRI LILL-EDITUR

## IL-POETA K. VASSALLO

**Sur Editur,**

Fil-ħarġa ta' "Is-Siġġiewi" ta' Novembru 1984 dehret poeżija bl-isem "Lill-Madonna tal-Providenza f'Jum is-Serqa tax-Xbieha għażiża tagħha" fuq l-isem ta' Karmenu Vassallo. Billi xi qarrejja tar-rivista tiegħek setgħu ħasbu li dik il-poeżija ktibtha jien, inkun nafulek jekk f'ħarġa oħra tgħarrafhom li l-awtur ta' dawk il-versi huwa Karmenu Vassallo ieħor li m'għandux x'jaqsam ma' l-awtur tal-kotba "Nirien", "Kwiekeb ta' Qalbi", "Ħamiem u Sriep" u "Tnemnim". Grazzi.

Il-Poeta Karmenu Vassallo.

---

*Nota editorjali: "Karmenu Vassallo" ieħor huwa żagħżugħ mis-Siġġiewi li joqgħod f'St. James Street.*

## IS-SALIB TA' L-GĦOLJA

Sur Editur,

B'riferenza għall-artiklu tiegħi "Is-Salib ta' l-Għolja" li deher fl-aħħar numru ta' "Is-Siġġiewi", nixtieqek ġentilment iżżid dan li ġej fil-ħarġa li jmiss:

*Riferenza Vol. 8 Nru. 2 p. 17: IS-SALIB TA' L-GĦOLJA.*

Bħala nformazzjoni għall-qarrejja tagħna nixtiequ nżidu li l-iskrizzjoni bil-Latin li tpoġġiet fuq il-pedestall tas-Salib ġiet miktuba minn Dun Nikola Aquilina D.Litt.

JOSEPH SCHEMBRI.